31982L0621

27.8.1982 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 252/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

ta' l-1 ta' Lulju 1982

li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 76/891/KEE fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' *meters* ta' l-enerġija elettrika

(82/621/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/891/KEE ta' l-4 ta' Novembru 1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' *meters* ta' l-enerġija elettrika [1], u partikolarment it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 3 tagħha,

Billi, bis-saħħa ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/891/KEE, jeħtieġ li jkunu riveduti l-iżbalji massimi permissibbli fil-*meters* ta' l-enerġija elettrika għall-verifika inizjali tal-KEE biex jittieħed kont ta' l-esperjenza gwadanjata u r-riżultati miksuba f'livell internazzjonali;

Billi l-esperjenza gwadanjata f'dan is-settur ġewwa l-Komunità tissuġġerixxi ż-żamma definittiva tat-tolleranzi fir-rigward ta' l-iżbalji massimi permissibbli diġà provduti bħala rata ġenerali fl-Anness ma' dawn id-Direttivi li huma aktar iebsa minn dawk adottati fil-livell internazzjonali;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-Tneħħija ta' Xkilijiet Tekniċi għall-Kummerċ fi Strumenti tal-Kejl,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Istati Membri li użaw l-għażla provduta fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/891/KEE għandhom, qabel l-1 ta' Jannar 1983, iħassru l-miżuri adottati bis-saħħa ta' dik l-għażla.

Għandhom jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

L-Artikolu 2

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-1 ta' Lulju 1982.

Għall-Kummissjoni
Karl-Heinz NARJES
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 336, ta' l-4.12.1976, p. 30.